MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 131/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Eusebio Busuttil**
**Rodney Vella**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) nhar it-22 ta' Mejju, 2004, ghall-habta ta' 12.30 p.m. miz-Zejtun ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) sar ghad-dannu ta' Paul Polidano miz-Zejtun;**
**2) nhar it-22 ta' Mejju, 2004 u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' il-flus imsemmija hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement**

**b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;**
**3) lil Eusebio Busuttil wahdu talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 11 ta' Mejju, 1992, 24 ta' Marzu, 1993, 14 ta' Lulju, 1995, 24 ta' Gunju, 1999 u 18 ta' Marzu, 2004 kif ukoll b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali datati 19 ta' Frar, 1990 u 23 ta' Mejju, 2001, liema sentenzi saru llkoll definittivi u ma jistghux jigu mibdula;**
**4) lil Rodney Vella wahdu talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 7 ta' Dicembru, 1999, 22 ta' Marzu, 2000, 11 ta' Dicembru, 2001 u 6 ta' Frar, 2004, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;**
**5) talli bi ksur tal-Probationa tenur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 (illum Artikolu 7 tal-Kap. 446), fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Frar, 2003 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;**
**6) u aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mill-Qorti tal-Magistrati datata 28 t'Ottubru, 2002.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'April, 2005, li biha wara rat l-artikoli 267, 279, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati Eusebio u Rodney Vella hatja tal-akkuzi kif dedotti, w ikkundannathom ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2) li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-perjodi rispettivi li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv.**

Rat ir-rikors tal-appellant Eusebio Busuttil minnu pprezentat fil-25 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-imputat appellant gie misjub hati w tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Rat ir-rikors tal-appellant Rodney Vella minnu pprezentat fil-25 t'April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar il-htija tas-serq, recidiva, ksur tal-probation u ksur tas-sentenza sospiza, u tirrevokaha ghall-kumplament, u dwar

il-piena tirriformaha u/jew taghti provvedimenti li jaghmlu ghall-kaz u ghall-personalita’ tal-appellant.

Fliet atti kollha proceswali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant EUSEBIO BUSUTTIL huma s-segwenti w cioe’ li ma giex pruvat lill hinn minn kull dubju ragonevoli illi l-appellant kien xjentement komplici fir-reat ta’ serq kommess mill-ko-imputat Rodney Vella ; li c-cirkostanzi li jikkorroboraw bizzejjed ix-xhieda tal-ko-imputat rikjesti mill-artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali kienu ghal kollox nieqsa w ghalhekk l-istqarrija moghtija minn Rodney Vella lill-Pulizija fil-kors tal-interrogazjoni tieghu ma kienetx bizzejjed biex ikun hemm sejbien ta’ htija fil-konfront tal-appellant u l-istqarrija moghtija mill-ko-imputat Rodney Vella lill-Pulizija kienet taghmel prova fil-konfront tieghu biss u ma setghet qatt tkun ta’ pregudizzju ghal persuna ohra, ossia ghall-appellant.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant RODNEY VELLA jirrigwarda l-fatt li hu gie misjub hati ta’ ricettazzjoni w dwar il-piena. Di fatti hu jissottometti li l-Ewwel Qorti sabet htija fuq kollox meta hu seta’ jinstab biss hati ta’ serq ghax l-akkuza ta’ ricettazzjoni hija wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza. Ghalhekk hu ghandu jkun formalment liberat mill-akkuza ta’ ricetazzjoni. Dwar il-piena, hemm elementi ohra li jimmilitaw favur il-mitigazzjoni tal-piena. L-ewwel Qorti qalet li l-appellant ma ammettiex mall-ewwel quddiemha, imma fil-fatt hu kien gja ammetta bid-dettalji kollha w bir-restituzzjoni ta’ aktar minn dak li kienu l-proventi tas-sehem tieghu mis-serq u dan ghandu jkollu effett fuq il-piena. Illi hu stess ghamel ammissjoni dwar abbuz mid-droga akbar minn dik li kien qed jigi investigat ghaliha. Illi hu ghandu personalita’ mhux stabbli w periodu twil il-habs jista’ jgibu in kuntatt ma persuni ohra li jinfluwenzawh hazin. Illi l-appell kien qed isir biex wara li jkun hemm diminuzzjoni fil-piena huwa jkun jista’ jaghmel programm residenzjali kontra d-droga.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;**

**ikkonsidrat;**

**Illi qabel xejn – minkejja li l-appellant Busuttil ma ressaq ebda aggravju dwar dan, din il-Qorti thoss li ghandha tosserva li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant Busuttil hati kemm tal-ewwel akkuza ta' serq kif ukoll tat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni, meta kien ovvju li dawn iz-zewg akkuzi nghataw b' mod alternattiv u mhux kumulattiv ghax reat wiehed jeskludi lill-iehor meta si tratta tal-istess *re furtiva*. Hawn l-akkuza tirriferi ghall-istess jum u l-provi kollha li ngabu huma b' riferenza ghall-kaz ta' serq minn gol-petrol station ta' Polidano w ma hemmx l-inqas accenn li jista' jkun involut xi att ta' ricettazzjoni ta' xi *re furtiva* derivanti minn xi kaz iehor ta' serq. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ta' ricettazzjoni jekk u una volta tkun sabet xi htija taht l-ewwel imputazzjoni jew ta' xi reat iehor kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni, jew ta' komplicita' fl-istess reat biss. Ghalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma treggix in kwantu sabet lil dan l-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet flimkien. Irid ghalhekk jigi determinat jekk hemmx htija ta' wahda jew tal-ohra jew ta' ebda wahda minnhom.**

**Illi qabel ma tghaddi biex tiddeliba l-ewwel aggravju tal-appellant Busuttil, jidher li jkun utili li jigi zgombrat it-terren billi jintqal mill-ewwel li t-tieni w t-tielet aggravju tieghu huma manifestament infondati. Dan ghaliex imkien fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma adduciet xi argument biex issib il-htija tal-appellant Busuttil mill-istqarrija tal-ko-akkuzat. Ghal kuntrarju l-Ewwel Qorti bbazat il-motivazzjoni tal-htija**

**fuq rizultanzi w konsiderazzjonijiet ohra. Inoltre r-riferenza fit-tieni aggravju ghall-artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali w l-argumenti mibnija fuq dak l-artikolu w xi gurisprudenza citata huma ghal kollox irrilevanti ghax hawn non si tratta ta' xi xhieda ta' xi hadd imma, se mai, biss ta' stqarrija ta' ko-akkuzat.**

**Illi umbaghad ir-riferenza ghall-artikolu 661 fit-tielet aggravju tal-appellant hija ukoll infondata ghaliex fil-waqt li hu legalment korrett li skond dan l-artikolu konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha w mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra, meta rriskontrat htija fl-appellant Busuttil, l-Ewwel Qorti f' ebda punt ma jidher li strahet fuq l-ammissjoni jew il-konfessjoni ta' Rodney Vella, izda bbazat ruha biss fuq serje ta' cirkostanzi w fuq il-mod kif Busuttil innifsu kien ipprova jispjeghom meta rrisponda ghal certi domandi li sarulu fl-interrogatorju tieghu.**

**Ghalhekk it-tieni u t-tielet aggravji qed jigu respinti.**

**Illi dwar l-ewwel aggravji ta' l-appellant Eusebio Busuttil, fejn jinghid li ma giex pruvat is-sehem xjenti tal-appellant fis-serq, ghalkemm hu kien fuq il-post, dan jirrigwarda l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet**

**ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94; "I**r-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

**"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed*." (Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet*

*emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar xi wiehed miz-zewg imputazzjonijiet alternattivi ta' serq jew ta' ricetazzjoni.**

**Illi hu ovvju li ma kien hemm ebda prova tar-reat ta' ricettazzjoni fil-konfoint tal-appellant Busuttil ghaliex dak li seta' qal fuqu l-appellant Vella fl-istqarrija tieghu mall-Pulizija assolutament ma ghandu ebda valur probatorju fir-rigward tal-ko-akkuzat Busuttil u minn imkien aktar ma jirrizulta li hu kien xjentement laqa' ghandu il-flus misruqa mill-petrol station ta' Polidano.**

**Ghar-rigward tal-ewwel akkuza ta' serq mill-istess petrol station il-provi kontra l-appellant huma li hu *"ex admissis"* kien fil-kumpanija ta' Rodney Vella li materjalment ikkommetta s-serqa u kien l-awtur principali tar-reat. Hu wasal mieghu w telaq minn fuq il-post bl-istess karozza. Jirrizulta ukoll li Busuttil, f' hin minnhom – u fil-waqt li Vella kien qed isaqsi lill-*petrol station attendant* Emmanuel Cachia ghal xi *part* ta' karozza -  hareg mill-karozza w baqa' diehel f' ambjent tas-service station li ma kellu ebda raguni ghaliex kellu jidhol fih, tant li l-*attendan*t tal-istation meta ra dan, hass li kellu jhalli lil Rodney Vella wahdu biex imur jara x' ried u x' kien ser jaghmel Busuttil. Kien dak il-hin li Rodney Vella, meta sab ruhu wahdu, hataf il-flus mill-pouch li kien hemm gol-istation. Irrizulta ukoll li meta l-*attendant* Cachia staqsa lil Busuttil x' kien qed jaghmel hemm gew dan wiegeb billi qal li kien qed ifittex li jixtri fanal  ta' karozza Datsun u cioe' marka ta' karozza li la hu w lanqas Rodney Vella ma kellhom bhalha, ghax il-car ta' Vella li kienu waslu biha kienet Peugeot. Illi kienu dawn il-provi indizjarji ossia "*circumstantial evidence*" li**

**wasslu biex l-Ewwel Qorti sabet il-htija taht l-ewwel imputazzjoni.**

**Issa kif jghid l-**ARCHBOLD **("Criminal Pleading, Evidence and Practice", 31st. edit. p. 793) :-**
***"Presumtive or (as it is usually termed) circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases ; and, indeed , the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged in the pleading by the direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more rare than in civil cases ; and where such testimony is not available , the jury are permitted to infer from the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It has been said that although presumptive evidence must, from necessity, be admitted yet it should be admitted cautiously …"***
***"…On the other hand , it has been said that circumstantial evidence is very often the best evidence. It is evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics . It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial : R. v. Taylor, 21 Cr. App. R . 20." ,***

**Illi meta gie interrogat mill-Pulizija, Eusebio Busuttil veru li cahad kull involvimernt xjenti fis-serqa pero' bil-mod kif wiegeb ghal uhud mid-domandi li sarulu, ftit li xejn kien kredibbli w attendibbli. Hekk meta gie mistoqsi ghala, ladarba Rodney Vella kien gja nizel isaqsi ghall-part ta' karozza, x' kienet ir-raguni li hu jjinzel ukoll u jmur <u>f' post differenti</u> isaqsi ghall-part differenti dejjem pero' ghal Rodney Vella, wiegeb nonsensikament : "*Ghax inzilna t-tnejn mill-karozza*." Bhallikieku li din hija raguni ghaliex wiehed li ghandu bzonn zewg *parts* imur isaqsi ghall-*part* wahda f' parti mis-service station u jinkarika lill-haddiehor biex imur isaqsi ghall-part ohra f' ambjent differenti tal-istess**

**station. Din spjegazzjoni li ma taghmilx sens, mhix verosimili w hija ferm improbabbli. Mistoqsi umbaghad jekk dak il-hin staqsiex lil Rodney Vella ghal fejn ried fanali tad-Datsun meta dan kellu karozza Peugeot, Busuttil wiegeb : *"Ma tajtx kaz dak il-hin."* Risposta ohra evaziva li tkompli titfa' l-ombra tas-suspett fuqu. Mistoqsi mbaghad ghaliex fil-video tal-*Close Circuit Television* hu kien jidher idur 'l hawn u 'l hinn u jekk kellux xi spjegazzjoni ghal dan, Busuttil wiegeb li ma kellux spjegazzjoni.**

**Illi kien minn dawn ic-cirkostanzi li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-z-zewg imputati illum appellanti kellhom xi forma ta' pjan f' mohhom. Din il-Qorti tara li, mehuda c-cirkostanzi kollha in konsiderazzjoni, l-Ewwel Qorti setghet ghalhekk legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li anki l-appellant Eusebio Busuttil kien involut fis-serqa, ghalkemm din il-Qorti thoss li dan mhux bhala awtur izda bhala komplici ai termini tal-artikolu 42 (d) tal-Kodici Kriminali, u cioe' talli bil-mod kif hu holoq "*diversion"* u gibed l-attenzjoni tal-*attendant* Emmanuel Cachia minn fuq il-post fejn kien hemm il-flus, xjentement ghin jew assista lill-awtur Rodney Vella fl-atti li bihom id-delitt ta' serq kien gie kkunsmat.**

**Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi , kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant Busuttil kien xjentement involut fir-reat ta' serq fis-serqa in ezami, biss kif gja ntqal bhala komplici w mhux bhala awtur.**

**Ghalhekk anki l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint b' dan li pero' l-htija riskontrata minn din il-Qorti hija dik tal-komplicita' fis-serq u mhux bhala awtur fl-istess serq.**

**Illi ghalkemm ma sarx appell mill-piena "ut sic", din il-Qorti trid tara jekk, in vista tal-fatt li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni alternattiva tar-**

**ricettazzjoni, minnflok issib htija tal-istess kif ghamlet l-Ewwel Qorti, hemmx lok ghal xi temperament fil-piena, w dana in vista tal-fatt li skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali il-komplici f' delitt jehel il-piena stabilita ghall-awtur.**

**Illi Eusebio Busuttil, ser jinstab hati ta' komplicita' f' serq ikkwalifikat bil-valur ghax insterqu aktar minn mitt lira (LM100) flus kontanti, izda mhux izjed minn elf lira (LM1000) (art. 267 u 279 tal-Kodici Kriminali) fejn il-piena tkun ta' prigunerija minn hames xhur sa tlitt snin. Stante umbaghad li hemm ir-recidiva , skond l-artikolu 50, din il-piena tista' tizdied bi grad u cioe' ghall-wahda minima ta' seba' xhur sa' wahda massima ta' erba snin.(art. 31 (1) (b) tal-Kodici Kriminali). Ghalhekk il-piena ta' sentejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti anki ghar-reat ta' komplicita' fis-serq biss, kif issa riskontrat taht l-ewwel imputazzjoni hija xorta decizament entro l-parametri legali.**

**Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-fedina penali refrattarja tal-appellant Busuttil li minnha jidher li gie misjub hati mill-Qrati mill-inqas hmistax il-darba, tlitt darbiet fuq serq, erbat darbiet fuq forniment jew ipprokurar ta' drogi, darbtejn fuq attakk u resistenza ghall-ufficjali tal-Pulizija, darba fuq harba mill-habs u diversi drabi fuq ghadd ta' reati ohra. Kien inghata liberazzjoni kondizzjonata diversi drabi, sentenza ta' prigunerija sospiza darba u gie kundannat ghall-diversi periodi ta' prigunerija sitt darbiet. Ghalhekk ma hux il-kaz li din il-Qorti tnaqqas il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.**

**********

**Illi issa l-Qorti ser tikkonsidra l-appell ta'** Rodney Vella**. Dwar l-ewwel aggravju ta' dan l-apellant , jidher li hu kien gie akkuzat ma Eusebio Busuttil, b' serqa ta' flus kontanti miz-Zejtun, fit-22 ta' Mejju, 2004, b' ricetazzjoni fl-istess data u fil-jiem ta' wara u b'**

**recidiva, ksur tal-kondizzjonijiet tal-probation u l-kommissjoni ta' reat waqt il-periodu ta' sentenza sospiza.**

**Illi ghar-ragunijiet fuq esposti fil-kaz ta' Busuttil huwa ovvju li t-tiena akkuza ta' ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza ta' serq u ghalhekk la lill-Ewwel Qorti rrizultatilha l-akkuza ta' serq, proprjament kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni alternattiva w mhux taghmel kif ghamlet u ssibu hati taz-zewg akkuzi. Ghalhekk dan l-aggravju hu gustifikat u qed jigi milqugh.**

Dwar l-aggravju l-iehor fuq il-piena, ammetta x' ammetta l-appellant mall-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni, meta tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fl-24 ta' Mejju, 2004, kien wiegeb li ma kienx hati (Fol.18) u allura l-kawza kellha tiehu l-kors normali taghha. Illi hu ovvju li biex akkuzat ikun jista' jibda' biex jigi konsidrat halli jibbenefika mill-effetti ta' xi ammissjoni bikrija, din trid tkun saret quddiem il-Qorti fil-bidu tal-kawza w preferibbilment fl-istadju preliminari tal-process u mhux aktar tard . Altrimenti l-akkuzat ma jkun ghen xejn lill-ammistrazzjoni tal-Gustizzja anzi ghal kuntrarju, meta jkun ammetta l-htija tieghu mall-Pulizija u wara ma jammettix, jista' proprju jaghti l-kaz li jkun – f' certi kazijiet – qed jaghti lok ghal-process inutili b' telf ta' hin, ta' rizorsi w ta' flus ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Kieku l-akkuzat verament ried jghin biex jigi evitat dan, kien imissu ammetta mill-ewwel l-akkuza ta' serq u jiddikjara li, in vista ta' dan, dik ta' ricetazzjoni kellha tigi rtirata jew li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. Dan ma sarx . Ghalhekk hawn non si tratta ta' xi ammissjoni bikrija.

**Illi dwar il-piena erogata, jintqal mill-ewwel li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999]** , **"**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**"** **[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena ghar-**

**ragunijiet gja esposti fil-kaz tal-appellant Busuttil, decizament hija entro l-parametri tal-ligi , trattandosi ta' serq kwalifikat bil-valur u tar-recidiva, kif gja fuq elaborat.**

**Dan l-appellant ukoll ghandu fedina penali refrattarja. Hu di fatti nstab hati mill-Qrati dsatax il-darba, erbatax il-darba ghal serq semplici, kontinwat jew aggravat , darba ghal tentattiv ta' serq u ta' danni volontarji, darbtejn ghal pussess ta' droga, darba ghal falsifikazzjoni u darba li ma obdiex l-ordni legittima tal-pulizija w dan oltre reati ohra bhal pussess ta' arma ta' nar, eccetera. Jidher li sal-lum il-Qrati urew komprensjoni - jekk mhux addirittura tolleranza kbira - mall-appellant tant li darba biss gie kunndannat ghall habs u dana b' sentenza sospiza. Minn dan kollu l-appellant jidher li ma tghallem xejn u sahansitra rega' kommetta reat fil-periodu tal-istess sentenza sospiza. L-Ewwel Qorti gustament hasset li fl-ahhar l-appellant ried jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta' u din il-Qorti taqbel li kien il-kaz li tigi applikata piena restrittiva tal-liberta', ghax l-appellant hu minaccja ghas-socjeta'.**

**Frankament b' fedina penali hekk refrattarja din il-Qorti ma tarax il-perikolu li jista' jigi influwenzat aktar ghall-hazin jekk ikun mizmum il-habs, kif jissottometti l-appellant fir-rikors tieghu w ghalhekk din il-konsiderazzjoni hija altru milli infondata.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddisponi miz-zewg appelli tal-appellanti Busuttil u Vella kif gej :-**

**Tilqa' z-zewg appelli limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet liz-zewg appellanti hatja ukoll tat-tieni imputazzjoni alternattiva ta' ricettazzjoni w minnflok tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni fil-konfront taz-zewg appellanti, stante li kienet wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; kif ukoll tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Eusebio Busuttil hati bhala awtur tas-serq imsemmi fl-**

**ewwel imputazzjoni u minnflok tiddikjarah hati ta' komplicita' fl-istess serq u tikkonfermaha fil-kumplament taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------